MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 321/2012

**AB**
**vs**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (15/09/1985);

Illi l-esponenti isseparat legalment minn ma zewgha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Sandra Valentino datat 15 ta’ Mejju tas-sena 2003 (hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal Darlene u Keith li illum huma maggorenni;

Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni legali;

Illi dwar manteniment l-esponenti dejjem hallas il-manteniment dovut lill-komparenti Mara u dan skont klawsola hamsa (5) tal-istess kuntratt fl-ammont ta' ghoxrin lira (LM20) illum ekwivalenti ghal sitta u erbghin Ewro u sittin centezmu (€46.60) kull erbgha gimghat;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab, in vista tas-suespost, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

1. Illi, perliminarjament l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-attur huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant il-pretenzjonijiet tieghu fir-rigward tar-rikors promotur tieghu qeghdin jigu kollha respinti;
2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost preliminarjament ukoll, a kuntrarju ta' dak imsemmi fil-hames paragrafu tar-rikors promotur tal-attur, Carmel Zammit ma hallasx il-manteniment kollu dovut minnu u fil-fatt hemm rikors iehor pendenti quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti kif prezentament preseduta, liema rikors igib in-numru 86/2012 AL fl-ismijiet Zammit Giovanna vs Zammit Carmel, liema kawza tinstab differita

ghas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013, fir-rigward tal-manteniment dovut lill-ibnu Keith skond il-ligi, liema manteniment sal-gurnata tallum ghadu ma thallas;
3. Illi, fil-kawza fl-ismijiet premessi il-konvenut Carmel Zammit qieghed jopponi li jhallas il-manteniment lill-ibnu kemm il-darba dan ta' l-ahhar huwa student universitarju u qieghed jishaq li l-obbligi tieghu hu li jhallas il-manteniment tat-tifel sa kemm hu jaghlaq l-eta' maggoritarja tieghu (fil-mori tal-kawza it-tifel Keith Zammit lahaq ghalaq it-tmintax (18) il-sena);
4. Illi, sabiex jipprova jezimi lilu innifsu mill-obbligi premess li jhallas il-manteniment dovut, kif wara kollox hu mistenni minn kull genitur skond il-ligi sahansitra sa ftit ilu kien qieghed jipprova ihajjar lill-ibnu isib xoghol;
5. Illi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tghaddi sabiex tiddecidi favur it-talba tal-attur sakemm ma tkunx sodisfatta li r-rekwiziti tal-Art. 66 B et seq. tal-Kap. 16 (Kodici Civili) tal-Ligijiet ta' Malta ma humiex sodisfatti fl-interezza kollha taghhom;

Tant ghandha l-Unur tissottometti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Gunju, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ghal pronunzja ta' divorzju da parti tar-rikorrent.

Illi permezz tar-rikors promotur tieghu r-rikorrent jiddikjara li l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Settembru 1985 u frott ta' dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied u cioe' Darlene u Keith li huma maggorenni. Jiddikjara wkoll li hu u l-intimata sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku fl-Atti tan-Nutar Dr. Sandra Valentino datat il-15 ta' Mejju 2003 (ara l-kuntratt esebit a fol 3 tal-process) u li m'hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom ghalkemm izid jghid ukoll li l-obbligu tal-manteniment (fl-ammont ta' €46.60 kull erba' gimghat) versu martu dejjem thallas.

Illi permezz tar-risposta taghha, l-intimata tikkontendi li hemm manteniment pendenti rigward il-wild Keith Zammit li huwa student universitarju u konsegwentement tikkontendi li r-rekwiziti *ai termini* tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 mhumiex sodisfatti fl-*intier* taghhom u b'hekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda. Sabiex turi dan kollu, l-intimata tipprezenta wkoll kopja tar-rikors guramentat taghha fil-kawza bir-referenza 86/12 AL fl-ismijiet **Giovanna Zammit vs Carmel Zammit** u li permezz taghha qed titlob li l-manteniment ghall-wild Keith Zammit ghandu jibqa' jigi mhallas *oltre* l-eta' ta' tmintax-il sena (Ara Dok. A anness mar-risposta tal-intimata).

Illi ghalhekk jidher li l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hija dik relatata
mal-manteniment ta' wiehed mill-ulied li huwa maggorenni u li ghadu qed jistudja l-universita'. Xejn aktar m'huwa kkontestat u ghalhekk, il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti biss l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. s*tante* li jidher li m'hemm ebda kontestazzjoni dwar il-moghdija ta' zmien ta' erba' snin mis-separazzjoni tal-partijiet jew li m'hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin.

Il-Qorti taghmel referenza ghal Artikolu 66B tal-Kap. 16 li jelenka r-rekwiziti ghall-ottjeniment ta' divorzju u cioe', din il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

(a) "***Fid-data li jibdew il-proceduri ta' divorzju, il-mizzewginikunu ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw ghal, mill-inqas erba' snin matul il-hames snin minnufih precedenti, jew ikunu ghaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) Ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin; u***

***(c) Il-mizzewgin u kull wild taghhom qed jircievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkustanzi partikolari taghhom, kif hemm mahsub fl-Artikolu 57.."***

Illi kif inghad aktar ‘il fuq, huwa l-artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li huwa l-punt krucjali tat-talba odjerna u cioe’ jekk il-manteniment allegatament dovut lill-intimata u li hu relattiv ghal wiehed mill-ulied li issa sar maggorenni (u li dwaru l-istess intimata lanqas biss iggib l-anqas prova jew tipprova tikkwantifikah), huwiex ta’ impediment ghal dikjarazzjoni ta’ divorzju jew le.

Naturalment, sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha, trid necessarjament tirreferi ghall-Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jsegwi hekk:

“***Tkun min tkun il-persuna li f’idejha jigu fdati l-ulied minuri tal-mizzewgin, il-mizzewgin jibqghu fil-jedd li jaraw li kollox qieghed isir sewwa ghal dak li huwa manteniment u edukazzjoni u jibqghu obbligati li johorgu s-sehem li jmisshom ghall-manteniment u l-edukazzjoni skond il-ligi***”.

Illi jidher car li l-Artikolu hawn citat huwa applikabbli ghal ulied li huma minuri u dan minghajr ebda ombra ta’ dubju. Ghalhekk, gialadarba l-Artikolu 57 tal-Kap. 16 li jissemma fl-Artikolu 66B(c) tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huwa applikabbli ghal minuri, huwa fl-isfond ta’ manteniment mhux imhallas fil-konfront ta’ minuri li r-rekwizit (c) tal-Artikolu 66B ma jkunx sodisfatt. F’dan l-istadju ssir referenza ghar-rikors ta’ divorzju fl-ismijiet **Micallef Raymond vs Micallef Rita** (Referenza 385/2011NC) deciza nhar il-31 ta’ Mejju 2012 fejn l-istess Qorti sostniet l-inapplikabbilita’ tal-artikolu 66B(c) fejn hemm manteniment mhux imhallas ghal ulied li huma maggorenni. Dan ghaliex l-istess wild li llum huwa maggorenni ghandu d-dritt *ex lege* li jitlob manteniment minghand il-genituri tieghu fuq il-bazi tal-Artikolu 3B(2)(a) taht il-kondizzjonijiet hemm indikati.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta’ u tiddeciedi dan ir-rikors billi tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------